MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 298/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat**
**taghha Gilbert Scerri abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Gilbert Scerri [464977(M)]**

**Vs**

**Joseph Xerri u b'digriet tat-Tribunal tat-12 ta' Novembru, 2004**
**gie nominat Dr Mark Busuttil Kuratur Deputat biex jirrapprezenta**
**lill-mejjet Joseph Xerri**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tmien mija u hamsa u sittin lira Maltin u sitta u tmenin

centezmu (Lm865.86c) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Gilbert Scerri assigurat tas-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ tmien mija w erbghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm840.86c), is-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) l-istess Gilbert Scerri in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fl-10 t’April, 2003 ghall-habta tas-2.00p.m gewwa Floriana, bejn il-vettura proprjeta’ ta’ l-attur Gilbert Scerri, bin-numru ta’ registrazzjoni UMM 001 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni JAP 731.

Ra r-Risposta li biha l-konvenut eccepixxa li t-talbiet ta’ l-atturi kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b’tort ta’ l-eccipjenti, pero’ b’tort tas-sewwieq tal-vettura UMM 001, u cjoe’ Gilbert Scerri, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess sewwieq. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-konvenut Joseph Xerri miet fil-mori tal-kawza u b’digriet tat-Tribunal tat-12 ta’ Novembru, 2004 gie nominat Dr Mark Busuttil Kuratur Deputat biex jirrapprezenta lill-mejjet Joseph Xerri.

Ra r-Risposta tal-Kuratur Dr Mark Busuttil li biha eccepixxa li m’huwiex edott mill-fatti u b’hekk qed jirriserva d-dritt li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex Dr Mark Busuttil nomine jwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, Dr Mark Busuttil nomine naqas u ma deherx, la fl-4 ta’ Mejju, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-

Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lil Dr Mark Busuttil nomine biex ihallas lill-atturi l-ammont ta’ tmien mija u hamsa u sittin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm865.86c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------